DATA/DATI TAL-AWDIZZJONI .................................... ĦINIJIET ................. POST: ................................................

ISEM TAL-PRODUZZJONI ..................................... DATA/DATI ........................................

DIRETTUR/REĠISTA: .................................

*Notamenti*

**ANESTESIJA**

*4 DRAMMI – p.57 (M)*

## BUFFU

**GĦALHEKK JIEN MHUX BĦALU.**

Min jaf għaliex qatt ma jidħaq.

Jista' jkun għax forsi qabel issieħeb maċ-Ċirku kien imdejjaq fid-dar li kien jgħix fiha. Ried jeħles mill-irbit tal-familja, mill-wiċċ imqarras ta' martu, mid-disprezz u t-tmaqdir ta' wliedu. Minħabba l-ġirien ħadd ma kien iħallih idoqq il-vjolin. Fuq ix-xogħol sħabu l-iskrivani kienu għażżenin u jgħaddu ż-żmien bih jarawh jaħdem, waqt li l-Prinċipal stess ma kienx jaħmlu.

Fl-aħħar għalhekk ħarab u ngħaqad maċ-Ċirku. Ħaseb li hawn ħadd ma jindaħallu. Miskin kemm mar imqarraq! Kulma sab hawn kien li wiċċ il-Mara l-Ħoxna kien wiċċ martu, wiċċ sid iċ-Ċirku kien wiċċ il-Prinċipal u wiċċ sħabu taċ-Ċirku, l-iskrivani.

U lanqas hawn ma ħallewh idoqq il-vjolin, għax flok il-ġirien sab il-folla. Tawh minflok it-tanbur u z-zinnanati u ġiegħluh idoqqhom, basta jagħmel ħafna storbju u jiġbor aktar nies. U hekk kif qabel kien jaqla' bis-sieq, hekk wara xorta kompla jaqla' bis-sieq.

Le, Tifel. *(Ferħan.)* M'iniex bħalu jien, le! Għax jien xeddejt il-maskra ta' ħuti l-bnedmin u sirt wieħed minnhom – wiċċ fil-folla. Għalhekk jien mhux bħalu. Il-folla qatt ma tkun imdejqa – ismagħha! *(164)*

PDF p. 45

**ĦIN** MASSIMU ............ MINIMU .............

**PROPS** ..............................................................

**VIS Á VIS** LE ☐ IVA ☐ = ..................................

**SILTA** DRAMMATIKA, KOMIKA, KANTATA, ŻFIN.